**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 28 TA' FRAR, 2002

**Numru: 19**

**Avviz Nru: 1731/01 JB**

**Mdina Holdings Limited**

**vs**

**Incoming Travel Bureau Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas ta' Lm 270 (mitejn u sebghin lira Maltin) rappresenanti prezz ghal xorb u ikel ordnat mis-socjeta' konvenuta u lilha kkonsenjat waqt pranzu fit- 12 ta' Mejju, 2001.

Mitluba thallas, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ghaldaqstant is-socjeta' attrici titlob lit-Tribunal biex jordna s-

socjeta’ konvenuta thallas l-ammont dovut, inkluzi l-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-invoice mehmuz (Dok. A).

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konventua li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema lill- Dr. Michael Zammit Maempel jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici w jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta’  Lm 270 (mitejn u sebghin lira Maltin) rappresentanti prezz ghal xorb u ikel ordnat mis-socjeta konvenuta u lilha kkonsenjat waqt pranzu fit- 12 ta’ Mejju, 2000, bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**

**Gudikatur**